**20 ta' Diċembru, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., LL.D., B.A., President.**
**Onor. Prof. J. J. Cremona, B.A., LL.D., D.Litt. (Roma), B.A. Hons. (Lond), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S., V/President**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Carmela mart Peter Demicoli

*versus*

L-istess Peter Demicoli

**Alimenti — Garanzija għall-ħlas**

*Gie ritenut li l-analoġija adoperata fis-sentenza appellata mal-art. 752 u 753 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, fis-sens li l-ammont tal-garanzija għandu jkun raggwaljat fuq l-ammont ta' l-alimenti ta' għaxar snin, mhix obbligatorja għall-Qorti.*

**Il-Qorti,**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi, — pre-

messi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni; premess illi l-konvenut qiegħed jonqos mill-obbligu li jmantni lill-instanti; u premess illi l-instanti, fuq suspett fondat illi l-konvenut sejjer isiefer talbet u otteniet minn din il-Qorti l-ħruġ ta' mandat ta' impediment tas-safar kontra l-konvenut in kawtela tad-dritt tagħha għall-alimenti futuri — talbet illi l-konvenut (1) jiġi kundannat jissomministra lill-attriċi, pensjoni alimentarja fl-ammont u taħt il-modalitajiet li jiġu stabiliti minn dina l-Qorti, u (2) in kawtela tal-alimenti futuri, jiġu mogħtija l-provvedimenti kollha neċessarji biex jiġi assikurat l-adempiment tal-obbligu tal-konvenut kif stabbilit minn din l-istess Qorti fil-kas li l-konvenut isiefer, bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' impediment tas-safar tat-23 ta' Ottubru 1965 kontra l-konvenut:

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi d-domandi attriċi huma infondati peress li l-attriċi telqet mid-dar konjugali minn rajha u bla ebda raġuni valida;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qort tal-20 ta' Novembru 1965 li biha iddeċidiet (1) billi laqgħet l-ewwel talba ta' l-attriċi, u ikkundannat lill-konvenut iħallsilha l-pensjoni alimentarja ta' għaxar liri (£10) fil-ġimgħa minn dik inhar, bil-quddiem fid-dar tal-abitazzjoni tagħha; u (2) laqgħet it-tieni talba billi ikkundannat lill-konvenut jiddeposita favur l-attriċi, fir-Reġistru ta' diki il-Qorti, in kawtela tal-ħlas ta' l-alimenti futuri fi żmien ħamest (5) ijiem is-somma kompIessiva ta' ħamest elef u mitejn lira sterlina (£5,200), jew jipproduċi fl-istess żmien garanzija bankarja lokali ekwivalenti għall-imsemmi ammont

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut, wara li ikkunsidrat:

Li l-konvenut qiegħed isostni li mhux tenut imantni

lill-attriċi, martu għaliex telqet mid-dar kunjugali minn rajha u bla ebda raġuni valida;

Li biex il-konvenut ikun ammess iwaqqaf il-manteniment lil martu jrid jipprova li huwa irrikjamaha f'daru u dina naqset li tmur miegħu mingħajr ġusta kawża;

Ikkunsidrat;

Li irriżulta li l-attriċi kienet tgħix l-Amerika ma żewġha u li f'Marzu 1961 il-konvenut bagħatha Malta, u minn dik inhar żammilha l-manteniment;

Li ma irriżulta minn ebda parti tal-proċess li l-konvenut qatt interpellа lill-martu biex terġa tmur miegħu; huwa stess iddikjara: "Jiena qatt ma bgħatt għaliha minn mindu telqitni marti."

Li l-konvenut meta martu ġiet Malta, iddikjara ruħu bħala "single". Dana l-atteġġjament tal-konvenut, flimkien maċ-ċirkustanza li ħallsilha l-vjaġġ biex titilqu, huma indizju suffiċjenti li minnhom wieħed għandu jinduċi l-konklusjoni li l-konvenut, mhux biss ma riedx jirrikjama lura f'daru lill-attriċi, iżda li lesta tenur ta' ħajja li qiesu qiegħed jgħix bħal kieku mhux miżżewweġ.

Li, anqas ma irriżulta li l-konvenut qatt għamel xi tentativ biex iħajjar lil martu terġa tmur miegħu, billi jibgħatilha xi flus. Fil-kors kollu ta' l-allontanament tal-attriċi minn żewġha, dana avvolja kien jaqla 150 dollaru filġimgħa, għal erba' snin sħaħ sallum qatt ma bagħtilha xejn. Delresto kien ikun inutili li l-konvenut jipprova jikkommuovi s-suxxettibbilita ta' martu, jekk huwa kien jistedinha tmur miegħu bil-mod arroganti, kroniku u inġurjus li jidher mill-ittra tas-17 ta' Ottubru, 1960, esibita bħala do-

kument fil-proċess miktuba ftit żmien wara ż-żwieġ.

Ikkunsidrat:

Li hija ġurisprudenza ormaj paċifika tal-Qrati tagħna li l-jedd tal-mara li tabbanduna d-dar ta' żewġha u tfittex ir-raġel biex imantniha ma jintilifx billi hija, tajjeb jew ħażin tabbondonah jew taħrab mid-dar konjugali; iżda jintilef biss, jekk wara li żewġha jsejħilha biex terġa tmur lura, hija tonqos li tagħmel hekk mingħajr ma jkollha dritt li ma tobdix. Imma l-interpellazzjoni tar-raġel lil mara trid tkun fis-sens li huwa jsejħilha lura f'daru, jiġifieri fid-dar konjugali (Kollez. XXXVII, I, 130 u s-sentenzi riportati fiha). L-Imħallef Giovanni Pullicino (Sedi Inferjuri) fit-2 ta' Ġunju, 1915 fil-kawża "Salvatore Mangion vs. Giuseppe Formosa et" irritiena: "l'obbligo del marito di mantenere la moglie perdura anche nella separazione di fatto tra i conjugi; stato irregolare, a cui la legge non attribuisce alcun effetto guiridico; e se il marito vuole esonerarsi da tale obbligo quando vi ha luogo, non ha che promuovere l'azione di separazione personale" (Kollez. XXII, I, 293). Fl-istess sens hija l-ġurisprudenza Taljana: "non potrebbe il marito opporre che l'allontanamento della moglie sia capriccioso, se non fece alcuna istanza per richiamarla" (Fadda, Art. 133 para. 45).

Li għalhekk l-attriċi tibqa' intitolata għall-manteniment anke jekk ma tippruvax il-motiv li iġġustifikaha titlaq mid-dar konjugali; raġuni li fil-kas indisamina, ma jistax jingħad li ma tesistix, meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni dawna l-fatti:—

1) Li martu kienet dejqitu; u l-konvenut kien jgħidilha li iġri titlaq lejn Malta;

2) Li qabel ma ġiet lura Malta l-konvenut siker, beda jinġurja lil martu, heddida u għamel sinjal fuq l-organu ġenitali tiegħu u qallha: "Dana ma jistax iqumli għalik".

3) Dina l-ispeċie ta' insult kien jirripeti ruħu akkompanjat mal-kliem: "Ma irridx naf bik aktar."

4) Il-konvenut ma kienx irid ikollu x'jaqsam ma' martu regolarment, u għalkemm il-versjoni tal-atti sodomitiċi tidher mhux għal kollox attendibbli, jibqa l-fatt li l-attriċi baqgħet bis-sintomi sħaħ tal-verġinita feminili tagħha, allavolja l-konvenut jallega li kien ikollu x'jaqsam ma' martu regolarment; fatt dana li ġie eskluż mit-tobba, imħabba l-fisonomia u l-għamla tal-imene intatt tal-attriċi.

5) Minn dawna ċ-ċirkostanzi, wieħed jista' jinduċi element importanti dwar ir-relazzjonijiet konjugali ta' bejn il-kontendenti; li l-konsumazzjoni tal-att konjugali ma setgħetx saret; u għalhekk jispjegaw ruħhom l-atti ta' libideni tant morbusa u onanistica, attribwiti mill-attriċi lil żewġha fid-deposizzjoni tagħha.

Ikkunsidrat;

Li skond il-liġi (art. 3(2) Kod. Ċiv.) ir-raġel hu fid-dmir li jmantni lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu.

Li irriżulta li l-konvenut jaqla mija u ħamsin dollaru fil-ġimgħa, u għandu elfejn dollaru imġemmgħin u meta kien jgħix ma' martu kien jagħtiha £13 fil-ġimgħa.

Li ma irriżultax li l-attriċi qiegħda taħdem.

Li għalhekk il-konvenut huwa fil-posizzjoni li jmantni lil martu skond kif sejjer jiġi stabilit fid-dispositiv ta' dina s-sentenza.

Ikkunsidrat:

Li la darba l-attriċi hija intitolata għall-manteniment, u għandha kreditu għalih kontra żewġha, it-tieni talba tidher ġustifikata, billi jekk il-konvenut isiefer, kif del resto ġa iddikjara li sejjer jagħmel, il-pretensjoni ta' l-attriċi, kif kanonizzata llum, tista' tiġi elusa għar-rigward ta' l-alimenti futuri li l-konvenut huwa obbligat jissomministra lil-martu.

Li, dana l-konċett huwa impernjat fuq il-prinċipju li "la domanda per alimenti comprende tutte le prestazjoni periodiche la cui scadenza deve avvenire finche dura il diritto" (Kollez. XXIV, II, 159); u dana avvolja d-dritt għal pretensjoni perijodika bħala kwalunkwe kreditu "a termine" ma jistax jintalab qabel l-egħluq ta' dak iż-żmien (art. 1115 Kod. Ċiv.).

Li għalhekk, meta tirrikorri l-ħtieġa, bħal fil-kas presenti, dak l-istess dritt jista' jiġi kawtelat qabel l-iskadenza; u l-kreditur ta' prestazzjoni simili jista' jesiġi mid-debitur kwalunkwe kawtela għal ħlas tal-prestazzjonijiet futuri, bażata fuq il-kriterju stabilit in kwantu għal valur fil-art. 752 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li jiddisponi, li jekk il-jedd jkun vitalizju, jew għal żmen determinat, il-valur jiġi determinat mir-renta netta tas-sena ta' qabel għaxar darbiet. L-artikolu suċċessiv 753 jestendi dina r-regola għal kawżi ta' manteniment.

Li huwa veru li l-imsemmija kriterji huma intisi biex jiġi stabilit il-valur tal-materja in kontestazzjoni, għal fini

tal-kompetenza, iżda l-adozzjoni ta' dana l-prinċipju ġiet kostantement rikonoxxuta mill-Qrati tagħna u applikata fil-proċeduri kawtelatorji, b'mod partikolari, fil-każ ta' alimenti (Kollez. XXXIX, II, 770);

Ikkunsidrat;

Li l-attriċi mhijiex titlob xi forma speċjali ta' kawtela; iżda billi l-konvenut ma irriżultax li għandu mezzi oħra hawn Malta, biex jagħmel tajjeb għal kreditu ta' l-attriċi, il-Qorti hija tal-fehma li l-unika kawtela li tista' tiġi ordnata' f'dana l-każ, huwa d-depositu favur l-attriċi fir-Reġistru ta' dina l-Qorti ta' ammont globali kalkolat għaż-żmien previst fl-artikolu fuq ċitat; jew alternativament li jipproduċi garanzija bankarja lokali għal-istess ammont.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza appellata tiġi konfermata fejn hu ġie ikkundannat iħallas pensjoni alimentarja lill-attriċi u riformata fis-sens li l-ammont tal-pensjoni jiġi ridott għal ammont iċken stante l-kondizzjoni soċjali u l-bżonnijiet tal-istess attriċi u l-mezzi tal-istess appellant, u riformata ukoll fis-sens illi l-garanzija ta' £5,200 tiġi ridotta sostanzjalment, u jiġu temperati l-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-appellata.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u ikkunsidrat:—

Bis-sentenza appellata l-ewwel Onorabbli Qorti.

(1) Iddeċidiet illi l-appellant hu tenut jagħti pensjoni alimentarja lil martu;

(2) Iffissat l-ammont ta' din il-pensjoni għal £10 fil-ġimgħa;

(3) Iddeċidiet illi l-appellant hu obbligat jagħti garanzija għal ħlas ta' l-alimenti futuri; u

(4) Iffissat l-ammont ta' din il-garanzija għal £5,200, korrispondenti għal alimenti għal 10 snin.

Issa l-appell tal-konvenut hu limitat. L-appellant m'hux bl-ebda mod jikkontesta d-deċiżjonijiet tal-ewwel Onorabbli Qorti taħt in-numri (1) u (3) hawn fuq u għalhekk dawk il-kwistjonijiet m'humiex involuti f'dan l-appell u kwindi, il-Qorti, m'hix imsejħa biex tagħti ebda pronunzja fuqhom jew fuq il-kwistjonijiet ta' dritt li huma involuti fihom.

L-appell hu, għal kuntrarju limitat biss għall-quantum, sew tal-pensjoni alimentarja kemm tal-ammont tal-garanzija.

Ikkunsidrat fuq dawn il-kwistjonijiet hekk limitati.

Sfortunatament l-appellant in prima istanza għalkemm semma l-ammont tal-paga tiegħu fil-ġimgħa, ma spjegax bl-ebda mod x'kienu l-ispejjeż tiegħu, kif issa spjega fil-petizzjoni ta' l-appell u fix-xhieda li ta' quddiem din il-Qorti. Forsi hi ħaġa notorja illi l-kost tal-ħajja fl-America u partikolarment fi New York fejn l-appellant jgħix u jaħdem hu għoli ħafna, u l-pagi għoljin huma appuntu relatati għal kost għoli tal-ħajja. Biex l-appellant jibqa' jaqla' l-paga li semma, hu postulat illi hu jibqa' jaħdem l-America, u kwindi, li jibqa' inevitabbilment jinkorri l-ispejjeż ogħla u jħallas it-taxxi u d-dues oħra ta' dak il-pajjiż kif

hu spjega. Meqjusin iċ-ċirkustanzi kollha kif issa riżultati aħjar, il-Qorti hi ta' fehma illi pensjoni alimentarja fil-present ta' sitt liri u nofs (£6.10.0) fil-ġimgħa hi adegwata meħud rigward ta' dak li tgħid il-liġi illi r-raġel għandu jmantni lil martu skond il-kondizzjoni u ċ-ċirkostanzi tiegħu.

Kwantu għall-ammont tal-garanzija, l-appellant offra, kif jidher mill-verbal massimu somma ta' £1,300 f'bank lokali b'ordni lill-Bank illi jħallas lill-appellata l-ammont tal-alimenti dovuti għal kull ġimgħa bil-quddiem fuq sempliċi talba tagħha jekk għal dik il-ġimgħa hu jonqos li jibgħatilha dak l-ammont. L-appellant spjega illi dak l-ammont mhux biss jassorbixxi s-savings tiegħu kollha sallum (li jammontaw għal 2,000 dollaru biss) iżda talli hu jkollu jissellef biex jġib dak l-ammont kwasi £600 mingħand il-familja tiegħu.

Il-Qorti taħseb illi din l-offerta tal-appellant kwantu għall-ammont għandha tiġi aċċettata mill-Qorti.

Ankorke jidher illi f'xi sentenzi ġie ritenut illi d-debitur ta' l-alimenti jista' taħt ċerti ċirkustanzi jkun ikkundannat li jagħti garanzija għall-ħlas futur tagħhom — kwistjoni illi, għar-raġuni li diġa' ssemmiet, m'hiex quddiem din il-Qorti fuq l-appell kif limitat — il-Qorti mhiex tal-fehma, fi kwalunkwe każ, illi l-analoġija adoperata fis-sentenza appellata mal-artikoli 752-753 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fis-sens illi l-ammont tal-garanzija għandu jkun raggwaljat fuq l-ammont ta' alimenti ta' għaxar snin, hi obbligatorja għall-Qorti. Fil-kas presenti l-ammont impost fis-sentenza appellata hu għal kollox oltre l-possibilitajiet tal-appellant għax jilħaq xi seba' darbiet l-ammont tas-savings tiegħu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell kif limitat fis-sens illi; (1) tirriduċi l-ammont tal-pensjoni alimentarja għal sitt liri u għaxar xelini (£6.10.0) fil-ġimgħa; (2) tirriduċi l-ammont tal-garanzija għal elf u tlett mitt lira (£1,300) biex tassigura l-ħlas tal-pensjoni alimentarja lill-appellata fil-kas illi l-appellant jonqos li jħallasha kull ġimgħa kif obbligat.

Iż-żmien għall-għoti tal-garanzija fissat fis-sentenza appellata jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjeż tal-prim' istanza jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata. Dawk tal-appell jibqgħu bla taxxa, bid-dritt tar-Reġistru bin-nofs.